MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tas-16 ta' April, 2012

Numru 393/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**Vs**

**Khaled Al Shredi**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta’ Khaled Al Shredi ta’ sebgha u ghoxrin (27) sena, bin Farag u Fatima xebba Argubi, imwieled Khoms, Libya, fil-5 ta’ Settembru 1984 u residenti Flat 6, St. Anthony Street, Msida, detentur ta’ Pasaport Libjan Numru 503599, talli nhar il-Hadd 15 ta’ April 2012 ghall-habta tal-04:00 a.m. waqt li kien fi Triq Santa Rita, Paceville, San Giljan:

1. Minghajr hsieb li joqtol jew li jqiegehd il-hajja ta' Mohammed Maruan f'periklu car, ikkagunalu hsara fil-gisem jew sahha liema hsara ta' natura gravi, hekk kif iccerifikat Dr. Lianne Camilleri tal-Isptar Mater Dei, u li liema offiza giet maghmula b'arma regulari;
2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Mohammed Nouri El Jali f'periklu car, ikkagunalu hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta' natura hafifa hekk kif iccertifikat minn Dr.C. Muscat, u li liema offiza giet maghmula b'arma regulari; u talli
3. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku.

Rat l-atti kollha ta' dan il-kaz;

Semghet lill-imputat jammetti ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu u dana minkejja il-fatt li din il-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzat bl-iktar mod solenni lill-imputat bil-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza dwar il-piena u nnotat li entrambe ddikjaraw li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz il-piena idoneja tkun wahda karcerarja sospiza ai termini tal-Ligi;

**Ikkunsidrat:**

Fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu, issib lill-istess imputati hati ta' l-akkuzi kollha dedotti kontrih.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, li ghandu fedina penali netta u hadet in konsiderazzjoni wkoll dak sottomess u dikjarat mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza waqt it-trattazzjoni orali dwar il-piena.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17, 216, 217, 221, 338(dd) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta u filwaqt li ttenni li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, tikkundannah ghal perijodu ta’ sena (1) prigunerija izda, billi l-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi hemm lok li tinghata sentenza sospiza a tenur ta’ l-Artikolu 28(A)(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tissospendi t-terminu ta’ sena (1) prigunerija ghal sentejn (2) b’effett mid-data ta’ din is-sentenza.

A tenur ta’ l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jekk jikkommetti matul il-perijodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------